A.L. 151 ta' l-2001

ATT DWAR SERVIZZI TA' L-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA (KAP. 409)

Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Xerrejja f'Kuntratti ta' *Time Sharing* fi Proprjetà Immobbli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 47 ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, il-Ministru għat-Turiżmu bir-rakkomandazzjoni ta' l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Xerrejja f'Kuntratti ta' *Time Sharing* fi Proprjetà Immobbli, u għandhom jinqraw u jiftehmu ma' u bħala parti minn hawn 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

A.L. 269 ta' l-2000

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti principali.

2. Fir-regolament 1.1. tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem minn "f'dik id-data" sa "ta' dawn ir-regolamenti." għandhom jidħlu l-kliem kif ġej:-

"(a) fil-15 ta' Settembru, 2001 r-regolamenti kollha minbarra r-regolamenti 7.1., 7.2., 7.3., 7.4, 8.1., 9.1., 10.1. u 10.2.; u

(b) fl-1 ta' Diċembru, 2001 r-regolamenti 7.1., 7.2., 7.3., 7.4, 8.1., 9.1., 10.1. u 10.2.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti principali.

3. Fir-regolament 7.4. tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem minn "mat-test tal-kuntratt" sa "null u bla effett." għandhom jidħlu l-kliem "mat-test tal-kuntratt. Jekk dak it-tagħrif ma jiddaħħalx fil-kuntratt, għaldaqstant ix-xerrej jista' jitlob li dak il-kuntratt jiġi dikjarat null u bla effett.".

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti principali.

4. Ir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) ir-regolamenti 14.1.1., 14.1.2., 14.1.3. u 14.1.4. għandhom jithassru;

(b) ir-regolamenti 14.1.5. u 14.1.6. għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 14.1.1. u 14.1.2. rispettivament;

(ċ) fir-regolament 14.1.1. kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "lil kull persuna bħal dik" għandhom jidħlu l-kliem "lil kull persuna li tiġġestixxi negozju jew attività bħal dawk"; u

(d) ir-regolamenti 14.2. u 14.3. għandhom jithassru.

Jissostitwixxi r-regolament 15 tar-regolamenti principali.

5. Minflok ir-regolament 15.1. tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:-

"15.1. Tkun liema tkun il-liġi li tapplika għall-kuntratt, meta l-proprjetà immobbli li għaliha jkun jirreferixxi l-kuntratt tkun tinsab f'Malta, id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom f'kull każ ikunu japplikaw.".